MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-7 ta' Frar, 2005

Numru 1100/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Angelo Gafa**
**V**

**JONATHAN PISCOPO**
**FRANCIS GAMBIN**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputati **JONATHAN PISCOPO** ta’ wiehed w ghoxrin sena bin Nicholas u Georgina nee Micallef, imwieled Pieta nhar d-dsatax ta' Mejju 1983 u joqghod Block A, Flat 6, Triq Annetto Caruana, Hal Taarxien, detentur tal-karta tal-identita` numru 301683M u **FRANCIS GAMBIN** ta' erbgha w hamsin sena bin Joseph u Maria Stella nee Caruana, imwieled B'Kara nhar l-erbgha ta' Mejju 1950 u residenti Dolphin A, Flat 5, Triq il-Pagell, San Pawl il-Bahar u detentur tal-karta tal-identita numru 431050M gew mressqa quddiemha w akkuzati:

Lil **JONATHAN PISCOPO WAHDU** talli fid-dsatax ta' Awissu 2004 bhala ufficjal jew impjegat pubbliku in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu, talab, ircieva jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utili iehor jew ta' xi vantagg iehor li ghalihom ma kellux jedd u minhabba dan naqas li jaghmel dak li kien fid-dmir tieghu li jaghmel.

Talli fl-istess cirkostanzi bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, biddel bil-qerq is-sustanza jew c-cirkostanzi ta' atti li jidhlu fid-dmirijiet tal-kariga tieghu sew billi nizzel pattijiet diversi minn dawk li kienu gew iddettati jew maghmula mill-partijiet, kemm billi ddikjara bhala veri fatti foloz jew bhala fatti maghrufa dawk li ma kienux.

Talli fl-istess cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjenement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat.

Talli fl-istess cirkostanzi fil-kapacita tieghu t' ufficjal jew impjegat f'amministrazzjoni pubblika jew impjegat tal-Gvern jew mal-Gvern, sew jekk kellu sew jekk ma kellux jedd li jesigi flus jew hwejjeg ohra bhala salarju tad-dmirijiet tieghu jew akkont tal-Gvern, jew ta' stabbiliment pubbliku, illi taht l-libsa tal-kariga tieghu, eziga dak li l-ligi ma tippermettix jeew izjed minn dak li tippermetti l-ligi, jew qabel iz-zmien li jmiss skond l-ligi.

Lil **FRANCIS GAMBIN WAHEDU** talli fl-istess cirkostanzi b'xi mod xjentement ghen jew assistita lil awtur tad-delitt u cioe lil Jonathan Piscopo fl-atti li bihom l-istess Jonathan Piscopo bhala ufficjal pubbliku jew impjegat pubbliku in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu, talab, ircieva jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utili iehor, jew ta' xi vantagg iehor, li ghalihom ma kellux jedd u minhabba dan naqas li jaghmel dak li kien fid-dmir tieghu li jaghmel.

Tallli fl-istess cirkostanzi b'xi mod xjentement ghen jew assistita lil awtur tad-delitt u cioe lil Jonathan Piscopo fl-atti li bihom l-istess Jonathan Piscopo bhala ufficjal pubbliku jew impjegat pubbliku, biddel bil-qerq is-sustanza jew c-cirkostanzi ta' atti li jidhlu fid-dmirijiet tal-kariga

tieghu sew billi nizzel pattijiet diversi minn dawk li kienu gew iddettati jew maghmula mill-partijiet, kemm billi ddikjara bhala veri fatti foloz jew bhala fatti maghrufa dawk li ma kienux.

Talli fl-istess cirkostanzi, b'xi mod xjentement ghen jew assistita lil awtur tad-delitt u cioe lil Jonathan Piscopo fl-atti li bihom l-istess Jonathan Piscopo, ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat.

Talli fl-istess cirkostanzi approprija ruhu billi dawwar bi proifitt ghalih jew ghal persuna ohra minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht t-titolu li jgib mieghu tar-radd tal-haga jew li sar uzu minnha specifikat, u cioe had u zamm ghandu flus ta' Tony Balzan proprjetarju tal-garaxx Balsons Silencers Limited u Patrick Falzon Gough, sid il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni HAB 137 li jeccedu l-ghaxar liri maltin liema flus gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija u kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu.

Talli fl-istess cirkostanzi b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu minn ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, inngannat jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh li jeccedi l-ghaxar liri maltin ghad-dannu ta' Tony Balzan proprjetarju tal-garaxx Balsons Silencers Limited u Patrick Falzon Gough, sid il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni HAB 137.

Talli fl-istess cirkostanzi xjentement issoprema t-tracci jew l-indizji ta' reat.

Talli b'hekk l-istess Francis Gambin kiser il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kap 446, meta kkommetta reat iehor wara li nghata sentenza fejn gie liberat taht kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett snin liema sentenza giet moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-dsatax ta'April 2004.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija fir-rigward tal-imputat Jonathan Piscopo, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-ligi, tapplika l-provvedimenti tal-artikoli 119, 141 u 190 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet wkoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lil imputati ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif kontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz l-kunsens tal-Avukat Generali datat sittax ta' Dicembru 2004 esibit a fol 9 tal-atti sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet lil imputati jiddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta u dan kif jirrizulta a fol 12 u 13 meta sar l-ezami tal-imputati ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar t-tnejn ta' Frar 2004.

Semghet l-ammissjoni tal-imputati ghall-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront taghhom u dan kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar t-tnejn ta' Frar 2005 kif jirrizulta mill-verbal a fol 11 tal-atti.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputati wiegbu li huma hatja din l-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u tathom zmien xieraq biex jekk iridu jergghu lura minnha u kien wara li staqsiethom t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni taghhom.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess zewg imputati, l-Qorti tiddikjara li qed issbhom hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront taghhom.

Il-Qorti l-atti processwali kollha u d-dokumenti kollha esibiti.

Ikkunsidrat dwar il-piena:

Il-Qorti rat **l-fedina penali tal-imputat Jonathan Piscopo**, liema fedina penali hija ndellibbli bla ebda tebgha ta' reat jew konravenzjoni registrata fuqha.

Rat li l-imputat Jonathan Piscopo ghandu wiehed u ghoxrin sena u bhala rizultat ta' dan il-kaz huwa x'aktarx li itlef l-impjieg tieghu fi zmien meta kellu tarbija zghira.

Rat li fl-istqarrija tieghu l-imputat Jonathan Piscopo ammetta dak kollu li ghamel f'dak l-kaz u kkollobora bis-shih mal-Prosekuzzjoni dwar il-partecipazznjoni tieghu u jirrizulta li fil-fatt huwa ma kienx l-awtur ta' dawn r-reati addebitati lilu.

Illi pero minn naha l-ohra, il-Qorti qiset wkoll c-cirkostanza li l-imputat huwa ufficjal pubbliku.

Fir-rigward l-imputat **Francis Gambin,** l-fedina penali tieghu tikkonsisti f'zewg faccati b'diversi kontravenzjonijiet u zewg reati ta' frodi registrati fuqha, liema reati jirrisalu sa mis-sena 1969 u fejn gie moghti diversi amendi u multi kif wkoll unconditional discharge.

Il-Qorti rat wkoll li l-imputat Francis Gambin ghandu erbgha w hamsin sena u peress li diga kiser dufrejh mal-ligi divesi drabi u messu kien aktar kawt f'dak li jaghmel u ghalhekk din il-Qorti sejra tittratta ma dan l-imputat b'mod separat u distint mill-ko-akkuzat u ghalhekk il-piena fil-konfront tieghu mhux ser tkun l-istess.

Ghaldaqstant il-Qorti, rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 115, 180, 189, 112, 293, 308, 111(2), 119, 190 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Tiddikjara li qed ssib lil imputat JONATHAN PISCOPO hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u dan fuq ammissjoni tieghu stess u tiddecidi li tpoggih taht s-supervizzjoni ta' Ufficjal tal-Probation ghal perjodu massimu permess mill-ligi u cioe dak ta' tlett snin mill-lum ai termini tal-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet**

**ta' Malta <u>oltre</u> li qed tikkundannah jhallas multa ta' mija u hamsin lira maltin.**

**Il-Qorti rat li l-imputat Jonathan Piscopo huwa Ufficjal Pubbliku u ghalhekk ai termini tal-artikolu 190 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tordna l-interdizzjoni generali perpetwa.**

**Fir-rigward l-imputat FRANCIS GAMBIN, il-Qorti tiddikjara li qed ssibu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u dan fuq ammissjoni tieghu stess u tiddecidi li tpoggih taht s-supervizzjoni ta' Ufficjal tal-Probation ghal perjodu massimu permess mill-ligi u cioe dak ta' tlett snin mill-lum ai termini tal-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta <u>oltre</u> dan li qed tikkundannah lil hati jhallas multa ta' hames mitt lira maltin.**

**Il-Qorti rat li mill-ezami li sar lil imputat Francis Gambin, dan m'ghandux impjieg u li effettivament gie boarded out u ghalhekk qed taghtih l-fakulta li jhallas il-multa nflitta fuqu llum b'din is-sentenza f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsa w ghoxrin lira maltin b'dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mit-tmienja w ghoxrin ta' Frar 2005.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi komunikata llid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation sabiex jinnomina l-kandidat idoneju f'dak li kaz.**

**Il-Qorti fissret fi kliem car lil imputati l-import ta' din s-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li huma jonqsu li josservawha u tobblighom li jobdu l-ordnijiet moghtija lilhom mill-Ufficjal tal-Probation f'kull zmien.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------